# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL ĠIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**135.** | **1 ta' APRIL 1911.** | **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


BILLI IL ĠIMGĦA ID-DIEĦLA SEJJER NISTRIĦ FTIT ĠRANET GĦAŬDEX IN-« NAĦLA » MA TOĦROĠX IŻDA IN-NUMRU LI JCUN JONKOS IMPATTIĦULCOM ŬARA.

A. LEVANZIN.

# IL CURA TA'S-SAŬM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

Meta Sinclair marad blinfluenza tant kaŭŭija li cbellu jmur l-isptar għal tmien t-ijiem fettillu sam għal jumejn u għaddielu collox b'mod li sata jaħdem ħafna xogħol bla tbatija ta' xejn. Mela minn dana li rajna fl-eŭŭel articolu IL CURA T'AS-SAŬM MA HIX ĦLIEF TA' ĠID CBIR.

* * *

Induru issa għa't-tieni articolu li l-imsemmi Upton Sinclair chiteb f'il «*London Magazine*» ta' Marzu li għadda fuk is-saŭm.

F'dana jibda biex ijgħidilna chemm cheddeŭħ ħafna tobba li ma riedux u li bosta minnhom għadhom ma jridux jemmnu li il bniedem jista jibka ħajj bla ma jiecol xejn għal actar minn ħames t-ijiem sħaħ għad li hu tahom l-ismijiet u fejn jokogħdu ta' mijiet ta' nies li damu għaxra, ghoxrin, ħamsin u saħansitra disgħin ġurnata bla ma trejjku b'xejn ħlief bl-ilma, bla ma mietu. Xi tobba ma jridux jisimgħu b'dina il cura għaliex jonksulhom ix-xelini ta'l vista u għalhecc meta titchellem magħhom fuk daŭna il ħŭejjeġ jieħduc b'iż-żuffiett. Daŭc li ma jcunux miexjin b'd'il żehma jcunu tobba m'ir-razza ta' Dulcamara (tabib li chien mimli ħafna b'għerfu iżda li ma chien jaf xejn) jeŭ li il għerf tagħhom ijcun għadu dac li sabu fuk il cotba ta' Galenu u Esculapju f'il ħin li il Medicina il-lum hi miexja il kuddiem b'ħeffa daks vapur-ta'l-art. Hemm iżda tobba intelligenti ucoll li bdeŭ jirraccmandaŭha.

Ma jgħaddux ħafna għaxriet ta' snin oħra li l-ispiżżeriji u it-tobba jonksu minn ŭiċċ id-dinja għaliex il fejkan ta'l mardijiet f'iż-żmienijiet li għad ijridu jiġu ma jsirx actar b'id-dŭŭa iżda bl-arja, b'il ġinnastica, b'il banji, b'il kies fl-ichel u f'ix-xorb, b'is-saŭm, b'il mixi, b'il mistriħ f'il campanja u bi ħŭejjeġ oħra bħal daŭn. Meta il bniedem jitgħallem jiecol u jgħix seŭŭa ftit mardijiet jibkgħu jidru f'ŭiċċ l-art u l-actar billi l-indafa f'il bliet, f'id-djar u fuk il persuni hi miexja il kuddiem b'is-siegħat. Mela meta xi tobba jrgħieb jeŭ li bakgħu l-ura jħassrulcom fuk ħŭejjeġ bħal daun la tatux ŭiden tagħhom għaliex ijcunu actar kiegħdin jibżgħu għall buthom milli għall butcom u għall saħħitcom.

* * *

Lankas ma għandcom taħsbu li dina il cura ta's-saŭm hi xi ħaġa ġdida ta'l-lum. Le. Fl-Indja, omm ta' cull għerf, il Yogi ilhom jagħmlu il cura ta's-saŭm l-eluf ta's-snin u f'il Bibbja insibn li Sidna Gesù Cristu sam għal erbgħin jum sħaħ bla ma trejjak b'xejn. Il Fakiri ucoll ijżommu żmien tŭil bla ma jitrejjku u bla ma jmutu u jiena għadni niftacar li xi żmien ilu chien kajjem ħafna għagħa certu Succi li chien ijdum għal ħamsin ġuarnata bla ma jiecol xejn makful ġ'ol ħġieġ u taħt il għassa ta'r-tobba. It-Tabib Deway beda jagħmel il cura ta's-saŭm ma't-tlietin sena ilu u fl-America il-lum hemm sa sanatorji (sptarijiet) fejn ŭieħed jista jmur biex jagħmel dina il cura ta's-saŭm taħt għajnejn it-tobba u fejn saŭma ta' għoxrin jeŭ tlietin ġurnata ħadd ma jistagħġeb biha billi jsiru ta' sicŭit.. Sinclair is-sena l-oħra chellu bniedem taħt idejh li għamel saŭma ta' ħamsin ġurnata sħaħ u il kuddiem għad insemmilcom casi actar ta'l għaġeb minn daŭn. Sinclair jiftacar li meta chien għadu żagħżugħ f'il mużeŭ ta' New York chienu għalku taħt il għassa ta't-tobba lil Dr: Tanner li dam bla ma ħa xejn għal għerbin ġurnata sħaħ.

F'il «*Gazzetta di Malta*» ta't-23 ta' Marzu deher dana l-articolu fuki li jiena sejjer indaħħlu f'in-«Naħla» biss biex jibka b'tifchira ta'x-xogħol tùil u difficli li sŭielna dana id-Dizzjunarju ta'l Farmaċija bl-Esperanto u b'disa ilsna oħra. Jiena nirringrazzja b'il kalb lil «*Gazzetta di Malta*» u lil min chitbu.

—

# IL "VADEMECUM POLIGLOTA DE INTERNACIA FARMACIO"

*Dopo cinque anni di paziente ed indefesso lavoro questa magistrale opera di Farmacia Internazionale vide la luce, in civettuola ed elegante veste, per mano della grandiosa Casa Editrice Hachette di Parigi e Londra. Questo utilissimo manuale è compilato in Esperanto ed in altre nove lingue (inglese, francese, tedesca, italiana, spagnuola, olandese, svedese, russa e fiamminga, oltre la latina) rendendola così utile a' farmacisti delle più importanti nazioni europee. L'idea di quest'importantissima opera scientifica è dell'illustre farmacista parigino Celestin Rousseau, coadjuvato dagli altri farmacisti Peloille, Borson, Seree e Laurent per la parte francese; il Low per la parte inglese; Dr. Ramon Bartomeu e Villaroya per la parte spagnuola; Hessler (tedesca); Hinton (svedese); Dr. Schroeder (russa); Oscar Van Schoor (fiamminga); ed il nostro chimico-farmacista Agostino Levanzin B.A., P.L., per la parte italiana.*

*L'opera, oltre i dieci dizionarii in esperanto e nelle altre nove o dieci lingue, è corredata di preziose tavole di farmacopee comparate di pesi, misure, dosaggi, densità, alcoolizzazione, monete ecc. formando così la base per creare dalle venti farmacopee oggidì esistenti nel mondo una sola farmacopea internazionale, che è il* **desideratum** *di tutti gli scienziati.*

*Infine è corredata ancora della grammatica dell'Esperanto in nove lingue per facilitare a tutti la comprensibilità dell'Opera rendendola così utile ancora, dopo poche ore di studio, a quei farmacisti che non sono iniziati ancora nello studio interessante della lingua internazionale Esperanto.*

*Il lavoro più difficile è stato quello di creare la nuova nomenclatura in Esperanto e di confrontarla giudiziosamente colle diverse lingue; un lavoro arduo e degno d'un benedittino, perchè deve servire di base a tutte le pubblicazioni farmaceutiche dell'avvenire.*

*L'opera costa sei scellini e mezzo perchè è un volume alquanto grosso, legata e stampata nitidamente su buona carta, e quindi oltre che per il grande merito intrinseco si raccomanda ancora vivamente agli studiosi per le qualità estrinseche che lo adornano.*

*L'essere stato il nostro egregio compatriota signor Levanzin chiamato da un Comitato Internazionale di Farmacisti per compilare la parte italiana e per cooperarsi nella parte esperantista di quest'opera mostra evidentemente che all'Estero il signor Levanzin non solamente è considerato come un competente farmacista, ma pure un profondo esperantista; e ciò torna non solamente a suo grande onore ma anche di grande prestigio pel nostro paese. In vista di questa sua valida cooperazione il signor Levanzin venne nominato Membro Corrispondente del «Colegio des Farmaceuticos, di Barcelona», che è il più antico e più importante di tutto il mondo e dal seno del quale uscì la prima farmacopea circa settecento anni fà. Sentiamo pure con vivo piacere che il Comitato della Società dei Giureconsulti Esperantisti invitò il signor Levanzin a cooperarsi attivamente per la parte italiana nella compilazione del «Dizionario Poliglotta di Giurisprudenza» in Esperanto e qualche altre dieci a dodici lingue e che speriamo riuscirà un lavoro grandioso ed utile come quello della Farmacia. Il signor Levanzin è da un anno che contribuisce vivamente degli studi sul soggetto; e sappiamo pure che tra breve intraprenderà la compilazione di un dizionario di farmacia in Esperanto-Riformato o Ido dietro l'invito di parecchi eminenti scienziati Idisti.*

*Aggiungendo a questi fatti l'essere il signor Levanzin il Presidente della fiorente «Società Internazionale de' Farmacisti Esperantisti» che conta più di 350 membri ed il Direttore del «Vocho de Farmaciistoj» redatto tutto in Esperanto non possiamo non congratularci vivamente con lui per la grande stima che gode fra distinti scienziati e linguisti all'estero perchè oltre il proprio onore c'entra ancora l'onore di questa nostra prediletta isola.*

STELETO.

*(M'is-«Sebħ»)*

# Tgemgim Omm ir-Rag'el.

—

Għax imbagħad tgħidu ngemgem.
U chif nista ma ngemgimx ?
Jecc mart ibni għajr f'il moda
U f'il maxta ma tilħimx.....

Tarax, issa kiegħda tidħor,
Ŭ għalhecc m'haŭn l-ebda ħiss;
Mindu kamet xejn ma għamlet
Sagħtejn sħaħ... f'il mera biss.

Ma chienx bniedem dac li ħallmu
U ħotoblu 'l d'il għażżiena ;
Ma dan collu, ħtija tiegħu,
Għaliex dan għedtulu jiena.

Actar jien ucoll... x'cont belha !
Mort inġibha taħt għajnejja.
Fejn cont nobsor jien li il madmad
Se 'jcun collu fuk spallejja ?

Għarucaża ! jmissha tisthi,
Torkod donnha bumarin ;
Jecc f'is-sebgħa tmur tkajjimha,
Tgħidlec, « stenn,» jeŭ « għadu il ħin ! »

It-tfissid u'l għejm li għandha,
Hŭejjeġ li ma jitŭemmnux !
Il cafè f'is-sodda tridu
Inclelè ma tixorbux.

Trid il chisra fih mixŭija;
Tridha mċappsa b'il butir;
Tridha mkattgħa flieli flieli...
Cos,... għax sabet l-ibni żgħir !...

Libset hì !... għal barra, araha,
Ma 'ttukx siegħa geŭŭa id-dar;
Issa tmur għand miesa żjara
U l'haŭn tiġi f'nofs-in-nhar.

Taf imbagħad fuk il mejda
Tibda titlob xi *past* ġdid;
La tixtiek, għax ma tmiddx idha
Biex issajjar dac li trid ?...

Ŭara l-ichel tarġa torkod,
Għax il lanja tagħmel biha,
Ibni, xejn !... ijmur għax-xogħol ;
Collox seŭ... katt ma jmeriha.

Fl-erbgħa tkum u taħsel ŭiċċha;
Taħli siegħa seŭ bl-arloġġ,
Nofs ta' nhar tnicchir tagħmillec
U għall ħjata ma tokgħodx.

Cull ma tara fuk ħaddieħor
Trid malajr jcollha bħalu;
Donnu żeŭġha 'l flus jisrakhom.
Ibni kalbi, x'ŭaħda ġralu !

Jecc mŭsbieħ xi mchien jixilgħu
Hemm taraha l-eŭŭel nies;
Trid is-silġ, crema u pistaċċi,
Tneffak l-ibni flus bla kies.

Chiecu ngħid il bċejjeċ collha
Cont nimlielcom dan il għadd ;
Iżda jien se'r nakta' ħesrem,
Għax ma 'rrid inxabba 'l ħadd.

Għandcom tafu li mart bni,
Għâd li għandha d at-tcabbir,
Meta ehienet f'dar missierha
Ratu 'l kamar geŭŭa il bir !

E. C.

*(Ed: Cachia)*

# Il Musica Sagra Maltija

( *Tissocta minn numru ta' kabel* )

Mons: Can: P. P. Pullicino f'il biografija li chiteb fuk il cbir compositur ta'l musica tagħna Azzopardi jgħidilna li il Catidral tagħna fl-antic chellha l-iscola ta'l cant gregorjan għal l-abbatini u jżid li schejjel bħal din chellhom il Catidrali ta'l antic collha u li chienu collha imfassla fuk l-eŭŭel ŭaħda li S. Girgor chien ħakkaf f'Ruma chif ġa għidna.

Mela ma hu xejn ta'l għaġeb li, mħabba f'dac collu li għidna s'issa, dina l-iscola ta'l cant ta'l Catidral tagħna tŭakkfet fi żmien jeŭ ftit ŭara dan S. Girgor stess. Nafu biss sgur li meta ġie Mons: Duzina il cant f'il Catidral chienu ġa jużaŭh u li hu biss ried ijdaħħal id-dakk seŭŭa billi il Catidral chienet għanja ħafna u setgħet tarfa ftit spejjes biex tfaħħar aħjar l-Alla chif fehimha hu.

* * *

Il musica fl-antic chienu jitgħallmuha ma'l grammatica, igifieri ma'l iscola, u dana naraŭh minn ħafna chitba minkuxa fl-antic li nsabet, u nafu ucoll li il cant gregorjan chienu fl-antic ijsejħulu *musica*.

Meta ġeŭ il patrijiet f'Malta, li chienu collha f'il bidu imrobbija barra, ġiebu magħhom il cant suret-in-nies u minnhom bdeŭ jitgħallmu il chierici l ohra ucoll li ma chienu katt tbiegħdu minn haŭna. Chienu il patrijiet li bdeŭ il cant b'żeŭġ vucijiet *(discantus)* u minn haŭn ħarget il polifonija fiamminga.

* * *

Palestrina għix f'Ruma m'il 1514 sa'l 1594, iġifieri meta ġie f'Malta Mons: Duzina u ġiegħel il Catidral biex iġġib sur mast ta'l cappella Palestrina chien ħajj u Duzina chien jaf tajjeb il musica tiegħu billi semagħha f'San Pietru stess. Fontana, l-eŭŭel surmast ta'l Cappella ta'l Catidral li chienu ġiebu ma satax ma jcunx jaf il musica ta'l Palestrina li chienet f'dac iż-żmien imfaħħra ma'd-dinja collha, u għalhecc naħseb li l-eŭŭel musica li bdiet tinstama f'il festi ta'l Catidral chienet dic tant ħelŭa ta'l Palestrina u li fukha bakgħu jimxu il chittieba ta'l musica maltin ta' ŭara.

Li chien Mons: Duzina li daħħal il musica sagra fostna naraŭh m'il Visita Apostolica li għamel hu stess fejn ħalla mictub:— «*Ut cum non convenient, quod praesertim in Ecclesia Cathedrali hac, quae pingues habet redditus, sine musicis cantibus laudes Deo canentur; ideo Dominus mandavit, ut quam primum dabitur occasio, conducatur cum competenti aliqua mercede Magister Cappellae, qui docet clericos et praesbiteros Ecclesiae musicam, et simul cantent in choro.*»

*(Tissocta.)*

Pro Infantia.— Nhar il Ħadd li għadda il ħabriechi u intelligenti Sur Bert Cesareo, żamm taħdita f'Birchircara fuk it-Trobbija ta'l Ulied biex ma jinkerdux hecc b'il cotra chif kiegħdin ijmutu issa. Is-Sur Cesareo tchellem magħhom tajjeb ħafna u fiehimhom x'għandhom jagħmlu biex it-trabi issa chif inhi dieħla is-sħana ma jimirdux bl-*enterite* iġifieri b'dic in-nerħa ta'l imsaren li tcarcar tant eluf ta' tfal cull sena iċ-Cimiterju u chien applaŭdit ħafna chif chien jistħokklu. Ingabru ma'l elf ruħ u dana juri b'iċ-ċar li il poplu beda jifhem u jgħożż chemm jistgħu jagħmlulu ġid daŭna it-taħditiet ta' tagħlim li kiegħdin ijsirulu u li jecc jokgħod għalin ijmixxih ħafna il kuddiem bħal ma mxeŭ il ġnus ta' pajjisi oħra.

# Għa'n - Nisa.

Mela minn dac li fehimtcom s'issa nieħdu dana:—

(1) Li għandcom tbaccru siegħa kabel cull f'il għodu u thassluha xogħol b'ġid cbir ta' saħħitcom u ta' butcom.

(2) Li ix-xogħol għandcom tagħmluh b'il metodu ħalli tidraŭh u b'hecc tħaffifuh u tagħmluh dejjem aħjar.

(3) Li għandcom għa's-sajran ta'l ichel taħlu żmien m'il ankas għaliex dan hu żmien moħli tasseŭ u li is-sajran ta'l ichel ijnakkas f'loc li ijżid is-saħħa.

(4) Li il ħin li tirbħu m is-sajran għandcom tkattgħuh ħruġ għall saħħitcom, ma' żŭieġcom u uliedcom, ħalli tiġbruhom magħcom u biex takraŭ xi ctieb ta' fejda għaliex minn dana titgħallmu aħjar chif takdu dmircom.

(5) Li f'il għaxi a għandcom jeŭ taktgħu l-ichel għal collox jeŭ tgħixu ħafif u li f'darcom ma għandhom jidħlu katt liquri, imbit, birra, cafè, tè, tipjip u ħŭejjeġ oħra li jgħarrku is-saħħa bħal daŭn.

(6) U li ma'l ħbieb għandcom taħlu żmien m'il ankas li tistgħu ħalli tiġu f'ankas għali u dac iż-żmien li soltu taħlu magħhom tatuh lill żŭieġcom u lill uliedcom ħalli jinġabru id-dar ma' dŭarrec b'ġid cbir ta' cullħadd.

(7) Kis dejjem b'ix-xiber tiegħec; onfok ankas milli tiflaħ; ħalli il-lussu u il frugħa għall boloħ li jakilgħu għajnejhom u jifirħu; u ŭarrab xi sold għal meta tiġi xi fakgħa fukec għax f'id-dolorus ma issib il ħadd.

Jecc tkis tajjeb chif fehimtec u chit għad infehmec aħjar u actar f'it-tul il kuddiem flusec, ħinec u xogħloc tcun bnejt il pedament ta'l ħena ta' darec u timxi il kuddiem bla tbatija, bla ticpis ta' djun, bla għali u bla tleŭŭim ma' żeŭġec u uliedec ijbercuc meta jmorru f'darhom talli għaraft tnissel ġo klubhom l-esempju it-tajjeb.

Lucija Levanzin Inglott.

# Antonio Fogazzaro

Dana il cbir letterat u filosofu taljan miet da'l ġranet mibchi m'id-dinja collha; għaliex dana il bniedem għaref ma chienx magħruf u stmat fl-Italja biss iżda sa l-aħħar rocna ta'd-dinja civilizzata.

Dana beda il ħajja bħala Avucat iżda billi ħass ruħu miġbud actar lejn il Letteratura telak il Korti biex jokgħod jicteb il poeżiji u ir-romanzi tant sbiħ u imfaħħra tiegħu. Fl-eŭŭel volum takbil tiegħu imsejjaħ «Valsolda» hemm poeżiji, fosthom «*Cecilia*» li jsaħħruc b'il ġmiel tagħhom. Chiteb imbagħad ir-romanzi «Malombra», «Il Mistero del Poeta», «Daniele Cortis» «Il Piccolo Mondo Antico» (li bosta letterati li jifhmu kalu li jiġi ŭara il «*Promessi Sposi*» ta'l Manzoni), «Il Piccolo Mondo Moderno», «Il Santo» (li xegħel id-dinja collha u ġie maklub f'ħafna lingŭi) u dan l-aħħar «Leila» li intgħoġob ħafna ucoll.

Chien ucoll filosofu m'it-tajjbin u chiteb ħafna ħŭejjeġ interessanti fuk l-Evoluzjoni, fosthom «*Per la Bellezza di una Idea*». Meta mar Parigi jagħmel xi conferenzi ferħu bih u lakgħuh bla tarf għaliex il għorrief ta' dac il pajjis ijkimuh ŭisk.

Chien raġel tajjeb ŭisk u katt ma chienet tgħaddi ġurnata li ma jkattax is-siegħat sħaħ jakra il ctieb ta' cull għerf—il Bibbja.

Chellu kalbu ta'd-deheb, chien jagħmel b'il ġid cbir li chellu billi chien miżżeŭŭeġ ma'l Marchiża de Valmarana, carità ma'l fkar collha ta'l belt ta' Vicenza fejn chien jokgħod u dan l-aħħar bena minn butu Istitut għa't-tfal fokra li semmih għal ibnu Mariano, li mietlu ta' tmintax il sena.

Chellu disgħa u ħamsin sena u chien għall għerfu imlaħħak, xi għaxar snin ilu, *Senatur ta'r-Renju*. Is-Surmast tiegħu chien il famus poeta taljan Dun Giacomo Zanella u l-eŭŭel ctieb li tah fama chien il poema «Miranda» li għalih jien semmejt il binti iż-żgħira.

Chien ŭieħed m'il egħżeż ħbieb li chelli, u li barra m'ir-ritratt b'id-dedica u il ħafna ittri u cartolini li bagħatli dejjem, dejjem ucoll għinni meta chelli bżonn ta' xi parir b'imħabba cbira. Nitolbu b'il kalb għal mistriħ ta' ruħu u inxerrdu demgħa fuk kabru għaliex l-Italja tilfet tasseŭ fih ŭieħed m'il acbar fost uliedha.

# AKRAU

L-EUUEL TAKSIMA

TA'R=ROMANZ MALTI ORIGINALI

# "IS-SAHHAR FALZUN"

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GHALIEX TOGHGOBCOM SGUR.

# IL CAUCAU BENSDORP

HU GARANTIT PUR

MINN GHAJR EBDA MATERJA GIRASSA

gha'r-RANDAN

Jimbiegh minn ghand l=Agenti tieghu

BISS

# C. CAMILLERI & SONS

50 u 51 Strada Mercanti il Belt

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA



Biex tinzammu b'sahhitcom

IPPURIFICAU

BIDDLU

u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV

# RICHELET

Daûc collha li jridu jiccurau rûiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.



# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħûejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tûiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daûl kaûûi u sabiħ ûisk u ħafna ħûejjeġ oħra bħal daûn ta'l aħjar qûalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ipprruvaû biex taraû chif toħorġu cuntenti sgur.



## L-OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda saħħu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqûida) sab chif minn dina l-arja liqûida joħroġ l-

OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.





Min hu marid bi-ANEMIJA (jakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GEOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll u sejrin insemmu ippruvaûh fukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.



## IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haûn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seûûa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaû iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeû jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**jIPPRUVAÛH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**


In-"Naħla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.